**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 23**
**It-Tlieta, 28 ta' Ġunju, 2022 fid-9:00 a.m.**

**INFERMIERA LI TELQU MIS-SETTUR TAS-SAĦĦA**

**414. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid l-ammont ta' infermiera li telqu mis-Settur tas-Saħħa qabel l-età tal-pensjoni bejn l-2017 u d-data li titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onoe. Interpellant illi bejn l-2017 u d-data li titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari telqu medja ta' 77.5 kull sena.

Seduta 23
28/06/2022

**SPTAR MATER DEI - COMPLEMENT TA' PERSONNEL**

**415. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma bil-complement tal-personnel fid-data li fiha titwieġeb din il-mistoqsija u jaqsam it-tweġiba għal kull sala fl-Isptar Mater Dei?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifikagħal-liema personnel qiegħed jirreferi.

Seduta 23
28/06/2022

**SPTAR MATER DEI - COMPLEMENT TA' PERSONNEL**

**416. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid l-complement tal-personnel meħtieġ għal kull sala fl-Isptar Mater Dei?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għad-domanda Parlamentari numru 415.

Seduta 23
28/06/2022

**INFERMIERA, QWIEBEL U CARERS - MEDJA TA' SIGĦAT TA' ĦIDMA**

**417. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti l-medja tas-sigħat maħduma mill-infermiera, qwiebel u carers sena b'sena bejn l-2013 u l-2022?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor, Interpellant biex jispeċifika għal liema entità qed jirreferi.

Seduta 23
28/06/2022

**STALLAZZJONI TA' LIFTIJIET TAL-PJATTAFORMA GĦAS-SIĠĠIJIET TAR-ROTI**

**418. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew istallati lifts tal-pjattaforma għas-siġġijiet tar-roti fil-perjodu bejn

l-2013 u l-2020? Tista' tgħid jekk hux kollha kienu ċċertifikati CE? Kien hemm xi differenzi fir-regolamenti tas-CRPD biex tinħoloq kompetizzjoni inġusta? Jekk iva, dawn inġiebu għall-attenzjoni tal-Awditur Ġenerali?

17/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li lifts tal-pjattaforma għas-siġġijiet tar-roti huma rregolati mid-Direttiva 2006/42/KE u għaldaqstant mhux meħtieġ li jkunu rreġistrati mal-MCCAA qabel ma t-tagħmir ikun qed jiġi installat. Min ipoġġi dawn il-lifts tal-pjattaforma fis-suq għandu l-obbligu legali li jara li għandhom is-'CE marking'.

L-istandard Malti SM3800 Accessibility for All in the Built Environment, illi huma inkorporati fir-Regolamenti dwar l-Istandards għall-Aċċessibilità għall-Kulħadd f'Ambjent Mibni L.S. 413.03, jagħmel referenza diretta għan-Norma Ewropea MSA EN81-40 (Safety rules for the construction and installation of lifts - Special lifts for the transport of persons and goods - Part 40: Stairlifts and inclined lifting platforms intended for persons with impaired mobility) u n-Norma Ewropea MSA EN 81-41 (Safety rules for the construction and installation of lifts - Special lifts for the transport of persons and goods - Part 41: Vertical lifting platforms intended for use by persons with impaired mobility).

L-istandard Malti SM3800 Accessibility for All in the Built Environment kien tfassal minn grupp tekiniku taħt il-kappa tal-MCCAA, li hi l-entità responsabbli mill-istandards. L-abbozz tad-dokument kien ukoll miftuħ għall-konsultazzjoni pubblika nhar il-5 ta' Diċembru 2014, liema konsultazzjoni ġiet reklamata f'avviż li deher fil-ħarġa numru 13,673 tal-Gazzetta tal-Gvern (li qed inpoġġi kopja tal-avviż fuq il-Mejda tal-Kamra). Infurmata li f'dak l-istadju, l-grupp tekniku ma rċieva l-ebda lment li dawn l-istandards kienu sa jwasslu għall-kompetizzjoni inġusta.

L-għan ta' dawn l-istandards ma kinux li jiddaħħlu l-inġustizzji, iżda li l-inġustizzji jiġu eliminati, għax kull darba li persuna tiġi mċaħħda milli taċċessa binja, tkun qed issoffri inġustizzja u tiġi ddiskriminata minħabba fid-diżabilità tagħha, hekk kif insibu fl-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, Kapitlu 627 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-abbozz tiegħu kelli l-pjaċir inressaq quddiem din il-Kamra fil-Leġiżlatura li għaddiet.

Seduta 23
28/06/2022

**LUKANDA SELMUN PALACE**

**419. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk/meta tinħareġ tender għal-lukanda Selmun Palace dan jinkludix il-Palazz ukoll? L-offerent rebbieħ ikollu kontroll sħiħ u aċċess għall-Palazz? L-offerent rebbieħ se jkun responsabbli li jara li l-palazz ikun mantained bi spejjeż tagħhom mingħajr ma jkollu aċċess għaliha jew il-Gvern ta' Malta jibqa' responsabbli mill-manutenzjoni tal-palazz?

17/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 23
28/06/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**924. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working (teleworking), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 11 (ħdax)-il persuna li jagħmlu remote working (teleworking) f'entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għas-Saħħa.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**925. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working (teleworking), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-Onor. Interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 110 ħaddiem fuq telework u 111 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**926. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working (teleworking), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. IAN BORG:** L-Onor. Interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju 2022, kien hemm 101 ħaddiem fuq telework u 14 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**927. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working (teleworking), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**928. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working (teleworking), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** L-Onor. Interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 135 ħaddiem fuq telework u 35 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**929. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working (teleworking), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** L-Onorevoli interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm ħaddiem wieħed fuq telework u 37 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 23
28/06/2022

**NEUTERING TAL-QTATES - TENDER**

**1215. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fir-rigward tat-tender tan-neutering tal-qtates li ħarġet reċentement, jista' l-Ministru jgħid:
(a) meta ser tagħlaq it-tender;
(b) meta hu ppjanat li ssir l-adjudication ta' din it-tender;
(ċ) meta eventwalment din it-tender tkun tista' tibda topera;
(d) x'perjodu ser tkopri din it-tender;
(e) kemm hu l-valur ta' din it-tender; u
(f) kemm-il qattus/a jaħseb li tkun tista' tiġi 'neutered' permezz ta' din it-tender?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**NEUTERING TAL-QTATES**

**1216. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew 'neutered' qtates bl-għajnuna tal-Gvern mill-2017 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, xahar b'xahar?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**NEUTERING TAL-QTATES - VOUCHERS**

**1217. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Peress li reċentement ħarġu b'kemm jiswew €5,000 vouchers biex jiġu 'neutered' qtates madwar Malta kollha, jista' l-Ministru jgħid kemm damu biex ittieħdu dawn il-vouchers? Meta għandu l-ħsieb li jerġa' joħroġ ammont ieħor ta' vouchers għal istess skop?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-vouchers li ħarġu f'Mejju kienu parti minn inizjattiva temporanja. Dawn il-vouchers ser jibqgħu jitqassmu minn żmien għal żmien sakemm tibda l-mass neutering campaign.

Seduta 23
28/06/2022

**NEUTERING TAL-QTATES - VETERINARJI**

**1218. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il veterinarju jintuża mill-Animal Walfare madwar Malta biex jiġu 'neutered' qtates? Minn liema lokalità jingħata dan is-servizz? Jista' l-Ministru jara li jkun hawn aktar minn veterinarju wieħed li jagħti dan is-servizz imferxxin madwar Malta kollha biex titnaqqas it-tbatija tal-voluntiera li jimpenjaw irwieħhom b'mod volontarju biex diversi qtates jiġu 'neutered'?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-veterinarji li jintużaw mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali sabiex jiġu 'neutered' il-qtates, jiġu magħżula wara sejħa għall-offerti skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Seduta 23
28/06/2022

**ANIMAL WELFARE – IMPJIEG TA' VOLUNTIERA**

**1219. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Peress li madwar Malta hawn diversi voluntiera li jduru bil-qtates li ma jkollhom lil ħadd min idur bihom u għalhekk ikunu abbandunati fit-triq, jista' l-Ministru jikkunsidra li jiġu impjegati persuni mal-Animal Welfare li jkunu jħobbu l-qtates biex jagħtu daqqa t'id f'dan ix-xogħol biex il-kura li tingħata lil dawn il-qtates tkun aktar speċjalizzata u professjonali?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi diġà hawn fis-seħħ skema ta' Community Animal Welfare Stewards fejn persuni qegħdin jiġu impjegati mal-Kunsilli Lokali jew Reġjuni biex jagħtu daqqa t'id f'dan ix-xogħol. Hemm ukoll skemi oħra fejn il-Kunsilli Lokali jingħataw għajnuna finanzjara f'każ li jkollhom bżonn għajnuna professjonali bħal pereżempju użu ta' servizzi veterinarji.

Seduta 23
28/06/2022

**ANIMAL AMBULANCE – AIR CONDITIONING**

**1220. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Animal Ambulance li għandha l-Animal Walfare hijiex attrezzata b'air conditioning u jekk fl-affermattiv, jista' jgħid għalfejn dan ma jaħdimx?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ambulanzi li juża d-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali huma attrezzati bl-arja kondizzjonata.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1641. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1642. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kien hemm l-ebda spiża lill-partijiet imsemmija fil-perjodu indikat.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1643. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1644. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant il-Ministeru għall-Anzjanita' Attiva ma għamilx ħlas lill-programm Espresso.

Seduta 23
28/06/2022

**QRATI TAL-ĠUSTIZZJA – TRASKRIZZJONI TAS-SEDUTI**

**1645. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ma jridx jinvesti fi programm jew servizz professjonali ta' stenografija fil-Qrati tal-Ġustizzja (kif hemm fil-Qrati ta' pajjiżi moderni) sabiex it-traskrizzjonijiet tas-seduti jkunu lesti dakinhar stess tas-smigħ tax-xhieda minflok xhur wara kif inhi s-sitwazzjoni preżenti?

15/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Aġenzija qiegħda f'diskussjoni ma' żewġ entitajiet sabiex jsir proof of concept rigward traskirzzjoni tal-lingwa Maltija mill-vuċi għall-kitba bl-għajnuna tal-intelliġenza artifiċjali. Għal dan il-għan, l-Aġenzija qiegħda tipprovdi materjal bil-Malti lill-imsemmija entitajiet ħalli s-sistema titħarreġ il-Malti. Jikkumplimenta ma' dan il-proġett, din is-sena l-Aġenzija ser tkun qed toħroġ sejħa għall-offerti sabiex is-sistema tal-Awdjo fl-awli tinbidel kollha għall-waħda iktar sikura u tal-aqwa kwalità. Bħalissa dan il-proġett jinsab fi stadju avvanzat ta' konsultazzjoni fejn susegwentament wara dan il-proċess fi żmien qasir ser tkun qed tibda tiġi fformulata is-sejħa.

Seduta 23
28/06/2022

**ĊIVIL U AWTORITAJIET STATUTORJI – IMPJEGATI**

**1650. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 274, 773 u 1307 u jgħid kemm ġew impjegati persuni maċ-Ċivil u ma' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali mill-ġurnata li ġie xolt il-Parlament tat-13-il Leġiżlatura, u ċjoè mill-20 ta' Frar tas-sena 2022, sal-ġurnata tal-elezzjoni ġenerali, u ċjoè sas-26 ta' Marzu 2022?

16/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li fil-perjodu msemmi daħlu jaħdmu 161 persuna mal-Gvern u l-entitajiet governattivi kollha. Infurmat ukoll li fl-istess perjodu kien hemm 201 persuna li spiċċaw mim mal-Gvern u l-entitajiet governattivi kollha.

Seduta 23
28/06/2022

**SANTA VENERA - TRIQ IL-KBIRA SAN ĠUŻEPP – BUS SHELTERS**

**1651. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1400, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jitranġaw xi bus shelters li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera fi żmien qarib?

16/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li fuq bus shelter partikolari li qiegħed ħdejn il-kappella ta' San Ġużepp, hemm il-pjanti għand il-Periti tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Kif dawn il-pjanti jitlestew jiġu sottomessi minnufih għand l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinħarġu l-permessi meħtieġa.

Seduta 23

28/06/2022

**QRATI TAL-ĠUSTIZZJA - KUMPENS ILLIKWIDAT GĦALL-PROPRJETAJIET**

**1652. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1401 u jgħid x'inhu t-total ta' flus li l-Istat kellu jħallas bħala kumpens illikwidat mill-Qrati tal-Ġustizzja a favur ir-rikorrenti abbażi ta' ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni dwar id-dritt ta' tgawdija tal-proprjetà, f'dawn l-aħħar tliet snin?

16/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' flus li l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat ħallas bħala kumpens illikwidat mill-Qrati tal-Ġustizzja a favur ir-rikorrenti abbażi ta' ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni dwar id-dritt ta' tgawdija tal-proprjetà f'dawn l-aħħar tliet snin minn Diċembru 2019 sal-21 ta' Ġunju 2022 huwa ta' €10,504,024.11.

Seduta 23
28/06/2022

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – SENTENZA TA' ŻGUMBRAMENT**

**1653. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-Awtorità tal-Artijiet ilha mill-2018 biex tesegwixxi sentenza ta' żgumbrament kontra l-binja li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jgħid jekk ordnax jew talabx passi dixxiplinari, u kontra min, dwar dan in-nuqqas da parti tal-Awtorità tal-Artijiet?

16/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET CHARTERED U SCHEDULED LEJN LOURDES**

**1665. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid f'liema sena l-Air Malta bdiet it-titjiriet tagħha, chartered u scheduled b'mod rispettiv, lejn Lourdes?

16/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 23
28/06/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET LEJN LOURDES**

**1666. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid f'liema perjodu u/jew perjodi tas-sena l-Air Malta kienet ittir lejn Lourdes u lura?

16/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 1665.

Seduta 23
28/06/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET LEJN LOURDES**

**1667. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kull sena b'mod separat, ta' kemm-il passiġġier siefer mal-Air Malta mill-bidu li bdiet topera t-titjiriet lejn Lourdes?

16/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 1665.

Seduta 23
28/06/2022

**GOOD NEIGHBOURHOOD SCHEME - ĊEKKIJIET**

**1696. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta l-familji viċin l-impjant ta' Sant'Antnin f'Wied il-Għajn se jirċievu ċ-ċekk għal din is-sena tal-Enerġija tal-Good Neighbourhood Scheme?

17/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li ċ-ċekkijiet se jkunu qed jinħarġu fiż-żmien li ġej.

Seduta 23
28/06/2022

**WIED IL-GĦAJN – BYPASS - DWAL**

**1697. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Minstru tassigura li l-*bypass* ta' Wied il-Għajn ikun mixgħul mal-lejl u mitfi mal-ġurnata għax qed ikun hemm partijiet mixgħula filgħodu u dlam ċappa filgħaxija?

17/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li t-tekniċi tal-Enemalta ħadu l-passi meħtieġa biex isewwu ħsarat estensivi fis-sistema tad-dawl ta' din il-bypass. L-Enemalta qiegħda tinvestiga dawn il-ħsarat li jidher li ġew ikkawżati minn terzi.

Seduta 23
28/06/2022

**ĦAL TARXIEN – SKOLA PRIMARJA L-ANTIKA - XOGĦLIJIET**

**1698. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru fl-Iskola Primarja l-antika f'Ħal Tarxien fi Triq l-Iskola?

17/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mil-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien illi ma hemm l-ebda xogħol li qed isir ġo din l-iskola min-naħa tal-istess Kunsill.

Seduta 23
28/06/2022

**WIED IL-GĦAJN – PARK TAL-FAMILJA – PUBLIC CONVENIENCE**

**1699. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara jekk il-public convenience li hemm fil-Park tal-Familja f'Wied il-Għajn hiex ser tiġi rinovata billi għandha bżonn?

17/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Park imsemmi hemm żewġ lattrini pubbliċi, li waħda minnhom kellha bżonn xogħol ta' manutenzjoni u għalhekk ingħalqet temporarjament għall-pubbliku, filwaqt li ġew provduti mobile toilets. Ix-xogħol tlesta fl-aħħar ta' Mejju.

Seduta 23
28/06/2022

**RAĦAL ĠDID – XOGĦLIJIET FI ĠNIEN IL-MEDITERRAN**

**1700. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1211, jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-entitajiet Governattivi li għamlu x-xogħlijiet fi Ġnien il-Mediterran Raħal Ġdid?

17/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Raħal Ġdid illi ġewwa Ġnien il-Mediterran sar il-Ġnien tal-Covid minn 'Ambjent Malta' u anke 'Parks Malta', bl-involviment ukoll tal-FMS.

Seduta 23
28/06/2022

**RAĦAL ĠDID – ĠNIEN SAN ALWIĠ**

**1701. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu tul din is-sena sabiex Ġnien San Alwiġ f'Raħal Ġdid jingħata iktar attenzjoni u jinżamm aħjar b'tibdil tas-servizzi?

17/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Raħal Ġdid illi l-ġimgħa li għaddiet ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar TRK/00266472 sabiex isir proġett ta' riġenerazzjoni ta' Ġnien San Alwiġi.

Seduta 23
28/06/2022

**AZZJONIJIET FUQ ESCOOTER MIXĦUTIN FUQ IL-BANKINI**

**1716. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jinforma x'azzjoni qed tittieħed biex e-scooters ma jibqgħux jinxteħtu fejn ġie ġie fuq il-bankini u joħolqu ostakli bla bżonn, b'mod speċjali għall-persuni b'diżabilità li jużaw dawn il-bankini?

20/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kemm-il pulizija kif ukoll l-Uffiċjali tal-Komunità, joħorġu taħrikiet ta' ostaklu, meta jiltaqgħu ma' e-scooters li jkunu ġew mitluqin jew qed jostakulaw il-passaġġ liberu. Dan barra li biex jipprevenu dan l-abbuż huma jkunu viġilanti biex dan ma jsirx minn dawk li jagħmlu użu minm dawn il-vetturi, waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Seduta 23
28/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – ROTTA TAL-KAROZZA TAL-LINJA 250**

**1717. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-frekwenza tar-rotta bin-numru 250 li tgħaddi minn San Pawl il-Baħar lejn l-Isptar Mater Dei? Jista' jara li tiżdied il-frekwenza ta' din ir-rotta hekk kif din ir-rotta qiegħda tintuża wkoll minn persuni biex mill-Għadira jmorru l-Belt Valletta u allura diversi persuni li jkunu qegħdin jistennew il-karozza tal-linja f'San Pawl il-Baħar jispiċċaw ma jirkbux għax tkun diġà mimlija bil-konsegwenza li jaslu tard għall-appuntamenti li jkollhom l-isptar? Jista' jara li tiżdied rotta oħra biex ir-residenti tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar jaslu fil-ħin l-Isptar Mater Dei bil-possibilità li l-aħħar waqfa tkun dik fl-Isptar Mater Dei?

20/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sitwazzjoni fuq din ir-rotta mil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, qed tiġi studjata sabiex tinstab soluzzjoni li tkun ta' benfiċċju ghar-residenti tal-lokalità.

Seduta 23
28/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IL-PORT RUMAN – KNIS TA' TRIQ**

**1718. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kull meta tinkines Triq il-Port Ruman, Qawra, San Pawl il-Baħar? Jista' l-Ministru jara li jitpoġġew iktar litter bins fl-istess triq, b'mod speċjali n-naħa tal-għelieqi?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali illi Triq il-Port Ruman tinkines bi skeda ta' kuljum. Rigward istallazzjoni ta' litter-bins, ninsab informat li ġew istallati diversi litter-bins fi Triq il-Port Ruman matul il-leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u hemm pjan li jiżdiedu meta jkun il-waqt.

Seduta 23
28/06/2022

**UŻU TAD-DESIGN CLUSTER**

**1811. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: a. Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kumpaniji, kooperattivi, partnerships, NGOs li qed jużaw id-Design Cluster?

b. Liema huma dawn il-kumpaniji;
ċ. X'tip ta' kumpaniji hemm fi ħdan id-Design Cluster;
d. Kemm hemm studios li għadhom vakanti; u
e. Kemm hemm membri li qed jużaw il-co-working spaces?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant kif ġej:

a. **Kumpaniji, kooperattivi, partnerships, NGOs li qed jużaw id-Design Cluster**
Regular membership: 42
Studio membership: 2
Apparti dawn, il-VDC jintuża regolarment ukoll minn diversi individwi, entitajiet privati u pubbliċi , għaqdiet komunitarji Beltin, għal skop ta' konferenzi, laqgħat, workshops eċċ…

b. **Liema huma dawn il-kumpaniji;**
Studio membership:
Fondazzjoni 'Magna Zmien' u NGO 'Koperazzjoni Internazzjonali - Malta (Kopin)'

Regular membership:
blitzvalletta
vismednet
ninjamoba
Project Aegle Foundation
Rise Malta
Fem Community
Active Ageing Unit
Spark 15
YMCA Valletta
Gabebags
Giovanni Mule
Somom Ltd
The Teduka International Academy
Malta School of Art
Sourdough hub
Iplus A
2mozarts
Justine Lillie Helena Bartolo
People and Company Ltd
debonogroup
FSWS - directorate for alternative care (SAV)
Malta Photographic Society
Wicked Comics
Catering hub
Il-Horza
Vogue Xchange
migrant women malta
Fondazzjoni Suret il-Bniedem
Halfaroutreach HFO
Cheek to Cheek
Ghanja tal-poplu
Replant Malta
Samba ltd
SeyTravel Ltd
Malta Intelligent Energy Mangmt Agency
FSWS
St Albert the Great College, Valletta
Octagon Communications LTD - summer science school
ZARARTI MALTA - creatives/theatre
Foundation for Ukrainian Community in Malta
University of Malta
The Secretariat for Catholic Education

c. **X'tip ta' kumpaniji hemm fi ħdan id-Design Cluster;**
**Studio membership:**
1 Fondazzjoni + 1 NGO

**Regular membership:**
· Organizzazzjonijiet Pubbliċi u Privati: 22

· Operaturi ekonomiċi (inklu¿i intrapri¿i ¿għar) - 10
· Persuni li jaħdmu għal rashom: 11

d. **Kemm hemm studios li għadhom vakanti**
Hemm numru żgħir ta' studios vakanti, madanakollu hemm process biex dawn jintlew.

e. **Kemm hemm membri li qed jużaw il-co-working spaces?**
Il-membri kollha ju¿aw l-ispazji komuni skont in-neċessità li jkollhom.

Seduta 23
28/06/2022

**MALTA FILM AWARDS – BREAKDOWN TAL-ISPEJJEŻ**

**1812. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Fid-dawl li l-Malta Film Awards ġie jiswa madwar €1.3 miljun, jista' l-Ministru jgħid b'mod separat:

a. kemm kienet l-ispiża fuq il-billboards li twaħħlu f'diversu postijiet madwar pajjiżna;
b. l-armar tal-palk;
ċ. kemm ġie jiswa l-audio/sound;
d. kemm ġew jiswew il-projectors;
e. kemm ġie jiswa d-dawl;
f. kemm ġiet tiswa s-sala minn meta ried jitlesta l-armar sa wara l-avveniment;
g. ir-reklamar kollu għal din l-attività;
h. kemm ġew jiswew il-ħlasijiet tan-nies li ppreżentaw l-awards jekk ġew imħallsa apparti l-preżentatur?

20/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont ikkwotat fil-mistoqsija huwa n-nefqa totali għal Malta Film Week – li fiha kien hemm inkluż 22 attività u s-serata finali tal-Malta Film Awards:
· Travel - € 81,328.07
· Marketing - € 69,483.83
· Creative - € 478,520.14
· Logistics - € 708,011

Seduta 23
28/06/2022

**MALTA LIBRARIES – CHIEF OPERATIONS OFFICER**

**1813. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid:
a. X'rekwiżiti ntalbu fis-sejħa għal Chief Operations Officer fl-Aġenzija Malta Libraries;
b. Minn min kien kompost il-bord tal-għażla, u fuq liema kompetenza;
ċ. Kemm applikaw kandidati; u
d. Xi kwalifiki għandu jew għandha fix-Xjenzi tal-Libreriji u Arkivji?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'għandi xejn xi nżid mar-risposta li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 749.

Seduta 23
28/06/2022

**AIR MALTA - ĦADDIEMA LI ĠEW TRASFERITI MAL-RSSL**

**1814. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid:
a. Kemm-il ħaddiem ġie trasferit mill-Air Malta għal mal-RSSL;
b. Kemm-il ħaddiem fi skala u grad ta' Assistant Officer mal-Air Malta b'pagi 'l fuq minn €30,000 basic pay ingħataw xogħol bħala messaġġiera u stackers;
c. jekk ħaddiema oħra klerikali u bl-istess grad imsemmi hawn fuq li kienu trasferiti qabel ma suppost twaqqfet u kellha tibda topera l-Air Malta Aviation Services ingħatawx pakkett b'paga inferjuri minn dawk li ġew trasferiti issa u li ngħataw impjieg bi skali u gradi klerikali u 'l fuq, waqt li dawn li ġew trasferiti issa bħala messaġġiera u stackers b'responsabbiltà ferm anqas qed jingħataw u jitħallsu pagi ferm ferm ogħla?

20/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' impjegati tal-Air Malta jew sussidjarji tagħha li applikaw taħt l-iskema tal-Voluntary Transfer Employment Scheme kien ta' 577. In numru ta' impjegati li sa issa ġew trasferiti lil-RSSL huwa 88 kif jidher fit-tabelli Phase 1 u Phase 2, li qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

L-Air Malta m'għandhiex informazzjoni tat-tip u kondizzjonijiet ta' xogħol li ngħata lill-ħaddiema li ġew trasferiti mal-RSSL.

Seduta 23
28/06/2022

**CUSTOMER CARE – KAŻIJIET TA' ILMENTI**

**1815. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 1443, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika kemm daħlu każijiet ta' lmenti matul is-sena l-oħra dwar:
a) is-servizzi mogħtija mill-konsulenti;
b) is-servizzi mogħtija mill-infermiera;
ċ) is-servizzi mogħtija mis-social workers*;* u
d) is-servizzi mogħtija fil-qasam tas-saħħa mentali?
Jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid jekk ittiħdux passi dwar dawn l-ilmenti?

20/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tispeċifika għal- liema entità qed tirreferi.

Seduta 23
28/06/2022

**SERVIZZI TA' SAĦĦA MENTALI**

**1816. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'għamel il-Gvern sabiex matul din is-sena jkompli jespandi s-servizzi tas-saħħa mentali fil-komunità?

20/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern
· Beda tim multidixxiplinarju ġdid *'Crisis Resolution and Home Treatment Team'* biex jagħti kura u appoġġ lil nies għaddejjin minn fażi akuta ta' saħħithom, kemm biex jgħin lill-persuni biex jilqħu difffikultajiet minn kmieni u ma jiddeterjorawx, kif ukoll biex inaqqas bżonn ta' dħul l-isptar
· Beda servizz ġdid għal persuni bi problemi ta' sustanzi, flimkien mal-Caritas
·Estenda s-servizz tal-Community Mental Health Teams għal nies bi problemi ta' saħħa mentali, biex jagħtu servizz aħjar
· Estenda s-servizz tal-Community Outreach Teams għal nies bi problemi serji fit-tul ta' saħħa mentali, biex jagħti servizz aħjar

· Estenda s-servizz ta' Perinatal Mental Health Care għal nisa tqal u wara t-twelid, biex wieħed jidentifika aħjar problemi f'relazzjonijiet bejn ommijiet u trabi u jilqa' minn kmieni
Ipprovda taħriġ f'diversi oqsma ta' kura ta' saħħa mentali inkluż fuq prevenzjoni ta' suwiċidju lill-ħaddiema kollha fil-komunità.

Seduta 23
28/06/2022

**GĦASSA TAL-QAWRA – RAPPORTI LI SEĦĦEW FIL-LOKALITÀ TAL-QAWRA**

**1852. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rapporti fl-Għassa tal-Qawra fuq reati kriminali varji li seħħew fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar (tinkludi wkoll Xemxija, Qawra u Buġibba) bejn Jannar 2020 u Mejju 2022? Jista' jindika x'tip ta' rapporti saru?

21/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:**
Ninsab infurmat illi n-numru ta' reati kriminali rreġistrati fis-sistema tal-pulizija fl-għassa tal-Qawra li jkopru wkoll il-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, Xemxija, Qawra u Buġibba, bejn l-ewwel ta' Jannar 2020 u l-aħħar ta' Mejju 2022 huwa kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt li tinkludi wkoll it-tipi ta' reati.

| **Kategorija** | **2020** | **2021** | **2022 Sa Mejju** | **Total** |
|---|---|---|---|---|
| Abbandun ta' tfal | 4 | 2 | 0 | 6 |
| Ħruq | 6 | 0 | 0 | 6 |
| Attentat ta' offiżi | 29 | 25 | 6 | 60 |
| Bigamija | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Feriti fuq il-persuna | 84 | 68 | 31 | 183 |
| Użu ħażin tal-kompjuter | 13 | 18 | 15 | 46 |
| Reati kontra l-paċi pubblika | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Ħsarat | 377 | 407 | 203 | 987 |
| Vjolenza domestika | 93 | 124 | 34 | 251 |
| Reati ta' drogi | 13 | 40 | 1 | 54 |
| Falsifikazzjoni | 4 | 6 | 0 | 10 |
| Frodi | 38 | 166 | 41 | 245 |
| Omiċidju | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Reati ta' Immigrazzjoni | 5 | 2 | 0 | 7 |
| Ħasil ta' flus | 0 | 5 | 0 | 5 |
| Pornografija | 1 | 6 | 0 | 7 |
| Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 22 | 39 | 12 | 73 |
| Prostituzzjoni | 0 | 0 | 2 | 2 |
| Offi¿i sesswali | 5 | 15 | 9 | 29 |
| Serq | 423 | 382 | 135 | 940 |
| Theddid u vjolenza privata | 26 | 27 | 11 | 64 |
| Traffikar ta' nies | 0 | 0 | 2 | 2 |
| Access f'żona mingħajr awtorità | 0 | 3 | 0 | 3 |
| Vjolenza kontra uiffiċjal pubbliku | 10 | 10 | 3 | 23 |
| **Total** | **1155** | **1345** | **506** | **3006** |

Seduta 23
28/06/2022

**MELLIEĦA, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – BINI TA' BINJIET TAL-GVERN LI GĦADHOM MA TLESTEWX**

**1858. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 1516, jista' l-Ministru jindika l-indirizz fejn skont it-tweġiba

għall-istess domanda qed isiru l-preparamenti neċessarji fuq binja ġdida fil-lokalità tal-Mellieħa? Fiex waslu dawn il-preparamenti? Meta hu mistenni li din il-binja titlesta? Meta hu mistenni li din tibda tintuża bħala residenza? Jista' jgħid x'inhu n-numru tal-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-istess binja filwaqt li jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istess permess u l-pjanti approvati għall-istess binja u jindika kemm-il appartament se jkun fiha l-istess binja? Din il-binja se tkun aċċessibbli għall-persuni b'dizabilità?

21/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninsab infurmat illi l-Appalt tal-Kostruzzjoni tal-Binja li tinsab fi Triq N. Caruana Dingli Mellieħa bil-permess PA3336/20 kien ħareġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti bin-numru tar-referenza tiegħu huwa CT 2372/2020. Sfortunatament ħabba li kien hemm żieda qawwija fir-rati, il-prezzijiet li tefgħu ma kienux aktar sostenibbli u għalhekk il-kuntrattur rebbieħ tal-appalt irrifjuta li jiffirma l-kuntratt. Għaldaqstant l-appalt il-ġdid qed jiġi fformulat bit-tibdiliet neċessarji u b'rati ġodda. Hu mistenni li l-binja tkun lesta fis-snin li ġejjin. Il-binja ħa jkun fiha 8 appartamenti u kollha ħa jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

Seduta 23
28/06/2022

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – BINI TA' RESIDENZI**

**1859. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 1516, jista' l-Ministru jindika jekk hemmx pjanijiet li jinbnew residenzi fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, Naxxar u San Pawl il-Baħar (li tinkludi żoni bħal Buġibba, il-Qawra u x-Xemxija) sabiex dawn jintużaw bħala postijiet ta' residenza matul il-ħames snin li ġejjin? Jista' jagħti tagħrif dwar fejn qiegħda kull binja ppjanata u meta mistennija titlesta u tibda tintuża?

21/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-Mistoqsija Nru 1858.

Seduta 23
28/06/2022

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – POSTIJIET TA' RESIDENZA**

**1860. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 1045, jista' l-Ministru jindika ż-żewġ indirizzi fil-Mellieħa fejn skont it-tweġiba għall-istess domanda nbnew żewġ binjiet għall-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli? Għal kull binja, kemm-il appartament hemm b'kollox, minn dawn kemm qegħdin jiġu użati u taħt liema skema, u jekk hemm xi appartamenti li mhux qegħdin jiġu użati mill-Awtorità tad-Djar, kemm hu l-ammont ta' dawn l-appartamenti u x'inhi r-raġuni għal dan?

21/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-binjiet imsemmija huma Entraturi A u B, Binja Miżieb, Triq Mons Ġużeppi Schembri, Mellieħa. Iż-żewġ binjiet jikkonsistu f'sitt appartamenti. Ir-residenzi li mhumiex mikrija ġew mibjugħa lir-residenti bi skemi ta' housing affordabbli mnedija fil-passat.

Seduta 23
28/06/2022

**SENIOR CITIZEN SERVICES BOARD**

**1875. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1296 u 1518 u jgħid minn min hu kompost il-Foundation for Senior Citizen Services Board? Jista' jgħid x'inhuma r-remunerazzjoni, ħlas u benefiċċju li qed jirċievu dawn il-membri, jekk inhu l-każ?

21/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpelanta li l-'Foundation for Senior Citizen Services Board' huwa kompost kif ġej:

Chair: Sa Joyce Debono
Membri: Is-Sur Julian Fearne
Is-Sur Frank Masini Vento
Sa Karen Schembri
Is-Sur David Degiorgio
Segretarju: Is-Sur Saviour Galea

Ir-remunerazzjoni taċ-Chairperson hi € 2,366.42 fis-sena u tal-membri/segretarju hi €1,014.18 fis-sena. Dan hu skont il-'Manual for Setting the Categorization and Remuneration of Government-Appointed Boards and Committees'.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – CHAIRPERSONS, MEMBRI TAL-BORDIJIET U ENTITAJIET**

**1876. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 172 u 1517 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista taċ-Chairpersons, membri tal-bordijiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

21/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġibiet għall-Mistoqsijiet Parlamentari 1871, 1872, 1873, 1874, 1875 li ngħataw fis-seduti 22 u 23.
Għar-rigward tal-entità 'Social Care Standards Authority, il-Bord hu kompost kif ġej:
Chair: Dr Charles Gauci
Viċi Chair: Is-Sur Joseph Calleja
Membri: Is-Sur Jorgen Souness
Is- Sur Matthew Vella
Sa Philomena Meli
Is-Sur Robert Mallia
Dr Svetlana Sammut
Segretarja: Sa Lisa Cassar

Seduta 23
28/06/2022

**RIJABILITAZZJONI MILL-PROBLEMA TAX-XORB**

**1884. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1344 u jindika kemm huwa t-total ta' persuni f'Malta li qed isegwu programm minħabba li għandhom il-problema tax-xorb? Fejn qegħdin isegwu l-programm tagħhom?

21/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1892. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn kemm ilu kostitwit dan il-Ministeru ma kien hemm l-ebda spiża kif indikata fil-mistoqsija parlamentari.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1893. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1894. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1895. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** It-tagħrif mitlub se jingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1896. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1897. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tagħha jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**BIRKIRKARA – TRIQ KARM ZERAFA – PROBLEMA FREKWENTI TA' BDIL FIL-VULTAĠĠ**

**1903. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1481, peress li jirriżultali li l-OVR tal-klijent li qed tirreferi għalih il-Ministru fit-tweġiba tagħha m'għandux problema għaliex biex ma jibqax jiġi affettwat mill-varjazzjoni tal-vultaġġ, li għamel dan il-klijent kien li żied il-limitu tal-OVR għal 250V minimu u 253V massimu; tistax il-Ministru tgħid jekk il-fatt li m'hemmx ilmenti oħra jfissirx li m'hemmx klijenti oħra fl-inħawi li għandhom OVR installat? Għaldaqstant tista' l-Ministru tara li jiġi indirizzat l-għeruq tal-problema, li hu l-varjazzjoni fil-vultaġġi li qed jiġu esperjenzati?

21/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fiż-żona msemmija ma jirriżultax li hemm problemi ta' vultaġġ.

Seduta 23
28/06/2022

**BAJJA TAL-ARMIER – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1904. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-Bajja tal-Armier? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**BAJJA TAL-ARMIER – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1905. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-Bajja tal-Armier? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 23
28/06/2022

**BAJJA TAL-GĦADIRA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1906. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Għadira? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**BAJJA TAL-GĦADIRA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1907. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Għadira? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 23
28/06/2022

**BAJJA TAL-GOLDEN SANDS – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1908. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Golden Sands? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**BAJJA TAL-GOLDEN SANDS – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1909. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Golden Sands? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 23
28/06/2022

**UŻU TA' CYCLOTRON**

**1920. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1365, li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid meta se jibda jintuża l-apparat tas-Cyclotron li jintuża fid-dijanjożi u l-kura tal-Kanċer? Tikkonferma l-Ministru li dan l-apparat, kieku beda jintuża qabel, seta' għen fil-kura tal-kanċer speċjalment meta f'dawn l-aħħar xhur/snin kien hemm okkażjonijiet meta l-konsenja tat-tracer ma waslitx u kellhom jiġu kkanċellati interventi, appuntamenti u operazzjonijiet?

22/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-Minstoqsija Parlamentari 24100 tat-XIII-il Leġislatura, ninformaha li l-apparat tas-Cyclotron kien investiment li sar minn kumpanija privata u qatt ma' kien propjeta tal-Gvern qabel dan kien akkwistat fl-2021.

Il-Malta Enterprise qed tlesti x-xogħol biex ikun jista' jitħaddem dan l-apparat u l-pjan huwa illi dan ix-xogħol ikun lest sal-ewwel kwart tal-2023.

Seduta 23
28/06/2022

**TĦASSIR TA' INTERVENTI, APPUNTAMENTI U OPERAZZJONIJIET**

**1921. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1366, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew posposti:
a. interventi;
b. appuntamenti; u
ċ. operazzjonijiet,
minħabba n-nuqqas ta' konsenja tat-tracer li jinġieb minn Ruma biex jintuża fil-PET Scans?

22/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 23
28/06/2022

**IL-GŻIRA - TRIQ CARLO MANCHè U TRIQ MANOEL DE VILHENA - XOGĦLIJIET**

**1923. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1617, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol ta' pavimentar mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fuq Triq Carlo Manchè u Triq Manoel De Vilhena fil-Gżira?

22/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ix-xogħol ta' pavimentar mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fi Triq Carlo Manchè mistenni jibda u jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin. Bħalissa għaddejjin it-tħejjijiet infrastrutturali sabiex ikun jista' jibda x-xogħol fuq il-pavimenti fi Triq Manoel de Vilhena.

Seduta 23
28/06/2022

**SIT - AZZJONIJIET TA' INFURZAR**

**1924. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għas-sit ta' Żona Speċjali ta' Konservazzjoni fl-inħawi ta' Ħas-Saptan/Ħal Għaxaq, jista' l-Ministru jgħid:
(i) jekk hemmx xi azzjonijiet ta' infurzar fis-seħħ bħalissa;
(ii) il-karti ta' infurzar li twaħħlu mill-Awtorità tal-Artijiet fuq il-post, b'numru ta' referenza E26/2002/I/9 fit-22 ta' Marzu 2021, aktar tard b'numru ta' referenza E26/2002/I/10, u iktar tard din is-sena L331/66 fil-15 ta' Ġunju 2022, għal liem ksur kienu qed jirreferu, u x'azzjoni ttieħdet jew se tittieħed sussegwentement?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent, l-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorità tal-Artijiet ispezzjonaw is-sit inkwistjoni u nnutaw illi infetaħ bieb li jagħti aċċess għal proprjetà tal-Gvern, u dan b'mod illegali. L-uffiċjali għadhom qegħdin jinvestigaw il-każ sabiex jidentifikaw lil min wettaq din l-illegalità. Aktar azzjonijiet ikunu jistgħu jittieħdu ġaladarba jiġu konklużi dawn l-investigazzjonijiet.

Seduta 23
28/06/2022

**ART MGĦODDIJA LIL TERZI - PROĊEDURA**

**1925. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-sit indikat fis-site plan (ritratt anness) huwiex mgħoddi mill-Awtorità tal-Artijiet lil terzi u jekk iva, b'liema proċedura ġie mgħoddi?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit indikat huwa mikri.

Seduta 23
28/06/2022

**PBS - EX ĦADDIEMA - PENSJONI**

**1926. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tagħrif li ta fil-konferenza stampa tal-1 ta Ġunju 2022 dwar ħlas lil dawk li sofrew anomaliji u inġustizzji, jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew it-taħditiet mar-rappreżentanti tal-ex-ħaddiema tal-PBS dwar il-kwistjoni tal-pensjoni tagħhom, in vista tal-wegħda elettorali nru 109 u l-fatt li dawn l-inġustizzji ġew konfermati b'sentenza mill-Qorti fl-2017? Jista' l-Gvern jgħid hux ser jimxi mal-wegħda tiegħu jew hux ser ikompli bl-appell li fetaħ kontra din is-sentenza?

22/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**ANNIMALI LI TRAQQDU MILL-ANIMAL WELFARE**

**1964. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1621 u jgħid kemm traqqdu annimali mill-Animal Welfare matul dawn l-aħħar 12-il xahar?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul dawn l-aħħar 12-il xahar traqqdu 567 annimal mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Seduta 23
28/06/2022

**ANIMAL WELFARE – KLIEB LI NĠABRU BL-AMBULANZA LI KIENU ĊĊIPPJATI**

**1965. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1622 u jgħid kemm kien hemm klieb li kienu ċċippjati li nġabru bl-ambulanza? Kemm minnhom ma ngħatawx lura lil sidhom?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kien hemm 35 kelb li kienu ċċippjati u li nġabru bl-ambulanza fis-sena 2022 s'issa. Minn dawn kien hemm 15-il kelb li ma ngħatawx lura lil sidhom.

Seduta 23
28/06/2022

**ANNIMALI ADDOTTATI LI ĠEW IKKONFISKATI**

**1966. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1623 u jgħid kemm ġew ikkonfiskati annimali minn Mejju, 2021 u li ġew addottati qabel bdew il-proċeduri fil-qrati?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 23
28/06/2022

**DEMENTIA ACTIVITY CENTRES**

**1982. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandna Dementia Activity Centres f'pajjiżna? Jista' jgħid liema huma dawn iċ-ċentri u kemm hemm persuni jattendu f'kull ċentru?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Malta u Għawdex hemm erba' Dementia Activity Centres li huma:
Ċentru għall-persuni bid-dimensja Ħal Safi – jattendu 22 persuna li jgħixu bid-dimensja.
Ċentru għall-persuni bid-dimensja Mtarfa – jattendu 30 persuna li jgħixu bid-dimensja.
Ċentru għall-persuni bid-dimensja Dar Padova, Għajnsielem – jattendu 8 persuni li jgħixu bid-dimensja.
Ċentru għall-persuni bid-dimensja San Vinċenz de Paul – jattendu 23 persuna li jgħixu bid-dimensja.

Seduta 23
28/06/2022

**DEMENTIA ACTIVITY CENTRES - CARERS**

**1983. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm carers jaħdmu f'kull Dementia Activity Centre f'pajjiżna? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-carers għandhom kwalifiki fid-Dementia u tal-anqas għandhom l-Awards in Dementia Studies MQL4? Jista' jgħid f'liema ċentri jaħdmu dawn il-carers?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'kull ċentru għall-persuni bid-dimensja jkun hemm numru għoli ta' carers. Dawn jeħtieġu kwalifiki u esperjenza sabiex tingħata l-aħjar kura lil dawk li jattendu. Saru numru ta' korsijiet fuq id-dimensja matul is-snin u l-carers kollha huma imħeġġa biex jibqgħu jistudjaw fil-qasam.
Ċentru għall-persuni bid-dimensja Ħal Safi: 10 Carers
5 għandhom Award in Dementia Care Level 4
4 għandhom Introduction to Dementia Care Course
1 għandha Dementia Knowledge Course li kien parti mill-programm tal-Capacity Building – ESF 4.24 .

Ċentru għall-persuni bid-dimensja Mtarfa: 8 carers
8 għandhom Introduction to Dementia Care Course u Mental Health First Aide course.

Ċentru għall-persuni bid-dimensja Dar Padova: 9 Carers
9 għandhom Award in Dementia Care Level 4.

Ċentru għall-persuni bid-dimensja San Vinċenz de Paul: 12-il Carer
5 għandhom Dementia Care Practise Course LAS 1102
7 għandhom Dementia Knowledge Course li kien parti mill-programm tal- Capacity Building – ESF 4.24

Seduta 23
28/06/2022

**RESIDENZA SAN VINCENZ DE PAULE – ANZJANI FUQ IL-WAITING LIST**

**1984. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm anzjani jistennew fuq il-waiting list biex jidħlu fir-Residenza San Vinċenz de Paule? Jista' jgħid jekk hemmx aktar minn waiting list waħda u jekk iva, jista' jgħid kemm hemm fuq il-waiting list f'kull kategorija?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawk meqjusa mill-ispeċjalisti li huma ta' Kategorija 1 (urġenti) fil-mument hemm 9 persuni fuq il-waiting list biex jidħlu fir-Residenza San Vinċenz de Paule. F'kategorija 2 (inqas urġenti), jirriżulta li hemm 20 persuna jistennew.
Fiż-żewġ ċirkostanzi jsir kull sforz biex jiġu akkomodati kemm jista' jkun malajr, perjodu li jista' jvarja minn ftit jiem sa ftit ġimgħat. Dejjem jiddependi minn ħafna ċirkostanzi, inkluż id-disponibilità tas-sodod.

Seduta 23
28/06/2022

**DJAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI TAL-GVERN – ANZJANI FUQ IL-WAITING LIST**

**1985. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm anzjani jistennew fuq il-waiting list biex jidħlu f'xi waħda mid-Djar Residenzjali tal-Anzjani tal-Gvern? Jista' jgħid jekk hemmx aktar minn waiting list waħda u jekk iva, jista' jgħid kemm hemm fuq il-waiting list f'kull kategorija?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 1221 persuna li qegħdin fuq il-waiting list u għadhom qed jistennew biex jidħlu f'Dar Residenzjali tal-Anzjani. Minn dawn, 613 persuna applikaw fis-sena 2022. Hemm waiting list waħda u l-anzjani jidħlu f'Dar Residenzjali skont l-urġenza tal-każ u s-sodod disponibbli.

Seduta 23
28/06/2022

**BEREĠ/ĊENTRI TAS-SAĦĦA – APPUNTAMENTI GĦAL SERVIZZ TA' PODJATRIJA U FIŻJOTERAPIJA**

**1996. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kif jiġi deċiż jekk pazjent jingħatax appuntament f'berġa jew ċentru tas-saħħa għall-appuntament tal-Podjatrija u Fiżjoterapija? Liema mekkaniżmu jitħaddem u hemm proċeduri bil-miktub?

23/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi appuntamenti għas-sevizz tal-Podjatrija jew Fiżjoterapija jingħata skont il-kundizzjoni medika individwali, waqt li jibqa' jsir l-aħjar użu tar-riżiorsi tad-dipartiment.

Seduta 23
28/06/2022

**MĠARR - TRIQ SIR HARRY LUKE**

**1997. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx xi studju/rapport fuq l-istat li tinsab fih Triq Sir Harry Luke, fl-Imġarr?

23/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fl-2021, it-tielet sena tal-programm nazzjonali tal-Gvern għat-titjib ta' toroq residenzjali, Infrastructure Malta lestiet il-bini mill-ġdid ta' madwar 220 triq residenzjali. Kompliet ukoll il-ħidma tagħha fit-toroq rurali fejn tejbet mal-100 triq oħra qalb il-kampanja.

Fi tliet snin kemm ilha mwaqqfa, bejn toroq residenzjali u dawk rurali, Infrastructure Malta bniet mill-ġdid u għamlet titjib f'aktar minn 830 triq. L-aġenzija tejbet il-kwalità ta' dawn it-toroq fl-istess żmien li lestiet fost l-

ikbar proġetti ta’ toroq arterjali u faċilitajiet marittimi f’pajjiżna u filwaqt li baqgħet għaddejja bi programm kontinwu ta’ tiswijiet u manuntenzjoni f’ħafna toroq oħrajn.

Infrastructure Malta qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. Bħalissa fil-fatt għaddejja bil-bini mill-ġdid ta’ ħafna toroq, fosthom Triq iż-Żebbiegħ, Sqaq in-Naħal u triq rurali ħdejn Ras il-Wied, fil-lokalità tal-Imġarr. It-triq indikata, Triq Sir Harry Luke, hija fost it-toroq li se jinbnew mill-ġdid bħala parti minn din il-ħidma mifruxa fuq seba’ snin. Fl-istess waqt, sakemm tinbena mill-ġdid, peress li r-responsabbiltà tat-tiswijiet u l-manutenzjoni regolari ta’ toroq lokali bħal din imsemmija hija tal-kunsilli lokali, dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.

Seduta 23
28/06/2022

**ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – UNIFORMIJIET TAL-IMPJEGATI**

**1998. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid wara r-risposta ta' mistoqsijiet parlamentari 1649 u 1041, meta l-Allied Health Professionals se jingħataw l-uniformijiet li huma intitolati għalihom (żewġ settijiet ta’ tunic u qliezet, u cardigan fis-sena) li ma ngħatawx fl-2021 u fl-2022 s’issa?

23/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa d-Direttorat ikkonċernat jinsab fil-proċess biex joħroġ is-sejħa għall-offerti.

Seduta 23
28/06/2022

**PROĠETTI TA’ DJAR AFFORDABBLI**

**1999. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi lokalità b’lokalità plots li l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament akwistat mingħand il-Gvern sabiex isiru proġetti ta' djar affordabbli u li għadhom ma saru l-ebda xogħlijiet fihom? Tista’ din it-tabella turi kemm ser ikun hemm units, garaxxijiet u tipi oħra ta' binjiet fuq kull plot, x'inhu l-istatus ta' kull wieħed mill-proġetti, jekk hemmx problemi legali u jekk hemm problemi tingħata deskrizzjoni bażika tal-problemi?

23/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-kumpanija m’għandha l-ebda plot li għadu ma sar l-ebda xogħol fih. Il-plots li kienu ngħataw lill-kumpanija kollha qed jiġu żviluppati jew ġew żviluppati.

Seduta 23
28/06/2022

**IŻ-ŻURRIEQ – LISTA TA’ FLOW TA’ ILMA KULL PARTI TAL-PROĠETT TAL-GĦARGĦAR**

**2000. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid għal kemm flow (metri kubu kull siegħa) ta' ilma kull parti tal-proġett tal-għargħar fiż-Żurrieq hija ddisinjata u fejn ser jispiċċa l-ilma minn kull parti tal-proġett?

23/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li l-culverts tal-ilma tax-xita tal-proġett għat-taffija tal-għargħar fiż-Żurrieq huma ddisinjati biex jifilħu flow ta’ 3.5 metri kubi kull sekonda. Dawn il-culverts ser jaqbdu mas-sistema eżistenti li hemm fi Vjal ix-Xarolla li tinkludi zewġ ġibjuni taħt it-triq. L-overflow taghhom jibqa’ sejjer ġo barriera mhux użata fi Triq il-Belt Valletta, Ħal Kirkop.

Seduta 23
28/06/2022

**IŻ-ŻURRIEQ – LISTA TA' XOGĦLIJIET**

**2001. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti relatati mal-proġett tal-għargħar fiż-Żurrieq, lista ta' xogħlijiet li se jsiru triq triq, meta ngħata l-aħħar it-tarmak fit-toroq li ser ikollhom jinqalgħu, il-fażijiet tal-proġett, it-traffic management għal kull fażi tal-proġett u t-tibdil fir-rotot tat-trasport pubbliku, inkluż f'Ħal Safi, f'kull fażi tal-proġett?

23/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li x-xogħlijiet jikkonsistu fi skavar fit-toroq imsemmija għall-ippustjar tal katusi għall-ilqugħ tal-ilma tax xita u diversi kaxxi minn fejn jinġabar l-ilma. Dawn huma kollha murija fil pjanti li qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.
L-ewwel fażi hija l-konnessjoni minn Triq Bronja għal Vjal ix-Xarolla.
It-tieni fażi tibda min tarf triq Bronja sa nofs it-tul tat-triq u Triq Vincenz Schembri.
It-tielet fażi hija l-kumplament tax-xogħlijiet li jridu jsiru fi triq Bronja.

It-traffic management se jkun qed jinbidel skont il-fażi tal-proġett b'dan illi se jittieħdu miżuri biex it-trasport pubbliku jkollu l-inqas impatt.

Seduta 23
28/06/2022

**ILMA TAX-XITA LI MAR FIL-BAĦAR**

**2002. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm ilma tax-xita huwa stmat li mar il-baħar kull sena matul l-aħħar 10 snin abbażi tax-xita li niżlet f'kull sena?

23/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab ifurmata li madwar 10% tal-volum totali ta' xita li tinżel fuq il-gżejjer Maltin huwa stmat li jmur fil-baħar. Dan il-persentaġġ ivarja marġinalment minn sena għall-oħra skond l-intensità u d-distribuzzjon tax-xita matul is-sena.

Seduta 23
28/06/2022

**IMPJANTI TAL-KONKOS – ILMA TAL-PJAN**

**2003. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid sena b'sena mill-2011 sal-2021 kemm ittella' ilma mill-ilma tal-pjan mill-impjanti tal-konkos u b'liema rata, medja ghal kull sena, dan inxtara?

23/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 23
28/06/2022

**SITI TA' KOSTRUZZJONI – DATI TA' META MA JISTAX ISSIR TWAQQIEGĦ U SKAVAR**

**2004. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jikkonferma id-dati minn meta u sa meta ma jistax isir twaqqigħ u skavar f'siti ta' kostruzzjoni matul is-sajf 2022 u f'liema lokalitajiet qed tiġi infurzata? Liema huma dawk is-siti (PA No.) u f'liema lokalità ngħataw estensjoni sabiex ikunu jistgħu jkomplu jaħdmu bejn dawn id-dati u ta' kemm ġranet kienet l-estensjoni? Kemm saru spezzjonijiet mid-data tal-bidu tal-perjodu għal din is-sena sal-jum meta qed titwieġeb din il-mistoqsija u x'kienu l-azzjonijiet li ttieħdu fejn kien hemm bżonn?

23/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru mhux permissibbli li jsir twaqqigħ u skavar f'siti ta' kostruzzjoni fil-lokalitajiet indikati aktar 'il quddiem. Il-ligi tiġi infurzata fil-lokalitajiet indikati kollha.

**Lokalitajiet fejn mhux permissibli twaqqigħ u skavar:**

**Malta**
Attard, Birżebbuġa, Isla, Bormla, Birgu, Gzira, M'Xlokk, Mellieha, Rabat/Mdina, Sliema, San Giljan, Swieqi, San Pawl il-Bahar, Qrendi/Wied iz-Zurrieq, Valletta, u Floriana.

**Għawdex**
Marsalforn, Ghammar, Kemmuna, Gharb, Ghasri, Mgarr/Ghajnsielem, Xaghra, Qala, Xlendi, Ramla l-Hamra, San Lawrenz u Victoria.

L-estensjonijiet huma maħruġa mill-Awtorità għat-Turiżmu ta' Malta (MTA).

**Tabella li turi l-informazzjoni mitluba rigward estensjonijiet:**

| Applikazzjoni | Lokalità | Ġranet t'estensjoni |
|---|---|---|
| DS 107/22 | Valletta | Għadhom mhux maħruġa mill-Awtorità konċernata |
| PA 6179/21 | San Pawl il-Baħar | 15-il ġurnata |
| PA 1418/17 | Sliema | 56-il ġurnata |
| PA 7695/20 | Bormla | 7 t'ijiem |
| PA 829/20 | Mellieha | 24 ġurnata |
| PA 4784/19 | Valletta | 15-il ġurnata |
| PA 5442/21 | San Pawl il-Bahar | 15-il ġurnata |
| PA 5729/09, PA 2386/20 | Sliema | 15-il ġurnata |
| PA 472/15,<br>PA 28/18 | Valletta | Għadhom mhux maħruġa mill-Awtorità konċernata |
| PA 9133/19 | Marsascala | 15-il ġurnata |
| DS 102/22 | Marsascala | 3 t'ijiem |
| PA 9096/19 | San Giljan | 7 t'ijiem |
| PA 620/21 | Bormla | 7 t'ijiem |
| | | |

Sal-lum, f'dawn il-lokalitajiet saru 97 spezzjoni u kull fejn instabu x'irregolaritajiet, ix-xogħlijiet twaqqfu.

Seduta 23
28/06/2022

**BINĠEMMA, GĦERMIERI - ROTTA 109**

**2005. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx l-ħsieb li r-Rotta 109, li tgħaddi (minn u għal) tas-Salib, Għermieri u Binġemma hiex se terġa' ssir, bħalma kienet sentejn ilu (2020), b'servizz kull siegħa mhux kull sagħtejn?

23/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sitwazzjoni fuq din ir-rotta qed tiġi studjata sabiex tinstab soluzzjoni li tkun ta' benefiċċju għar-residenti tal-lokalità.

Seduta 23
28/06/2022